# *IL-MARTRI TAL-MAFJA*



Bħal dan il-Ħadd li qegħdin fih, 27 sena ilu, żewġ qattiela sparaw għal Dun Pino Puglisi u qatluh fuq l-għatba tad-dar tiegħu. Kien il-jum ta' għeluq sninu. Pino twieled fit-13 ta' Settembru, 1937. Missieru kien skarpan u ommu kienet ħajjata.

Kif jgħid il-Malti, "miskina dik it-tajra li titwieled f'post ħażin." Pino kien twieled fir-raħal ta' Brancaccio, raħal tradizzjonalment immexxi mill-familja mafjuża tal-Gravino. Darba minnhom lis-saċerdot Dun Pino, l-Isqof bagħtu bħala kappillan f'raħal twelidu. Fost affarijiet oħra, il-ġenituri ta' Brancaccio, kienu jgħallmu lil uliedhom li qatt m'għandek titlob skuża u qatt m'għandek taħfer. Dun Pino kien jikkonvinċi lit-tfal biex jagħtu qima lill-Missier u mhux lil Padrino. Fil-ħidma tiegħu, Dun Pino kien jisma' ħafna, kien iżur lill-familji u mingħajr ħafna storbju kien jeħodha kontra l-ħajja msejsa fuq il-mibegħda.

Nagħlqu bil-motto sempliċi tal-martri Dun Pino:

*Jekk kull wieħed jagħmel xi ħaġa, flimkien nistgħu nagħmlu ħafna.*

***L-Arċipriet***



Fl-1885 SAN ĠWANN BOSCO bagħat ċirkulari fejn stieden nies minn Turin biex flok jarmu l-għadam u fdalijiet oħrajn li jibqa' fuq il-mejda tal-ikel, dawn jinġabru fi xkora apposta. Hu żied li hemm ditta f'Turin li magħha hu għamel kuntatt, li kienet lesta taċċetta kull kwantità minn dak li jinġabar. Dak li jinġabar kien se jservi t'ikel għall-annimali u bħala demel. Lil San Ġwann kienu se jagħtuh ħlas talli jorganizza l-ġbir tal-iskart.

Qaddis b'sens ekoloġiku!

## AVVIŻI OĦRAJN

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa li ġej, 16 ta' Settembru, fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur. Tkun fis-6.00pm. Kulħadd huwa mistieden.

**IL-KORS TAL-GĦARAJJES:** Dawk li jixtiequ jibdew jew ikomplu l-kors għall-għarajjes, jistgħu jiġbru l-formola mill-Uffiċċju Parrokkjali.

## *Grazzi Dun Mario!*



Minn hawnhekk nirringrazzjaw lil Dun Mario Mercieca li serva f'dan ir-raħal għal dawn l-aħħar sentejn. Issa, dan il-qassis novell, se jkompli bl-istudji tiegħu fil-Parroċċa *Sacri Cuori di Gesù e Maria* f'Ruma. Inkomplu nitolbu għalih.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:30pm; 7:15pm

**Is-Sibt filgħaxija:** 6:00pm; 7:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am